**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 110/2017**

**YT u AT ('l-ilmentaturi')**

**vs**

***GlobalCapital Financial Management Ltd.***

**(C 30053) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** li bazikament jghid li fuq parir tal-provditur tas-servizz fis-16 ta' Frar 2007, l-ilmentaturi kienu investew fil-*PATF TEP NO 2* (*TEP2*) l-ammont ta' €66,631.66, u meta dan inbiegh fid-29 ta' Gunju 2012 ghamlu telf ta' €30,537.66.

Dan sehh ghaliex l-provditur tas-servizz kiser l-obbligi fiducjarji tieghu; sehh *misselling* tal-prodott; kien negligenti b'mod grossolan; ta parir hazin peress li l-prodott rakkommandat ma kienx idoneju u addattat ghac-cirkostanzi u ghall-attitudni tar-riskju tal-ilmentaturi; saret mizrapprezentazzjoni tar-riskju kemm b'dokumentazzjoni kif ukoll oralment kif ukoll ingann kif ittiehdet id-dokumentazzjoni.

Illi l-provditur tas-servizz m'agixxiex fl-ahjar interessi tal-ilmentaturi minkejja li kien hemm obbligazzjoni fiducjarja; ma mexiex b'mod gust u ekwu u b'mod ragonevoli mal-ilmentaturi meta nbieghulhom il-prodott li qed isir ilment dwaru;

Illi l-prodott *de quo* kellu riskju gholi u ma kienx addattat ghac-cirkostanzi personali taghhom;

Illi nkissru l-obbligi kuntrattwali u l-provditur tas-servizz m'agixxiex in *buona fede* meta minhabba n-nuqqas ta' esperjenza ittihedulhom il-firem fuq dokumenti li kienu *standard form contracts* ippreparati minn qabel mill-provditur tas-servizz u li ma kellhom l-ebda opportunità jippartecipaw fil-formulazzjoni taghhom;

Illi l-provditur tas-servizz agixxa b'negligenza, traskuragni, *recklessness* u *culpa lata* fit-twettieq tal-inkariku kuntrattwali li kellu.

Ghalhekk l-ilmentaturi qed jitolbu li jinghataw kumpens ghat-telf li ghamlu fis-somma ta' €30,537.66. Bl-imghax relattiv kif spjegat b'mod dettaljat fl-istess ilment.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jidher illi l-ilmentaturi ressqu zewg forom ta' talbiet – wahda ghal rifuzjoni tat-telf allegatament soffert minnhom ta' Euro30,537.66 (li mhux minnu) kif imfisser fir-raba' talba fl-ilment, u ohra konsistenti fit-tielet talba fl-istess ilment sabiex is-Sinjorija tieghu l-Arbitru "*jiddikjara li s-socjetà konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghad-danni u t-telf kollu li garrbu l-esponenti, inkluz in-nuqqas ta' dhul* ..." liema talba bir-rispett kollu hija nkompatibbli ma' talba ghar-rifuzjoni tal-ammont investit mill-ilmentaturi u, ghalhekk, huma konfuzjonarji; illi ghalhekk il-kumulu ta' dawn it-talbiet f'daqqa necessarjament iwassal ghan-nullità tal-ilment;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha, ma huwiex car x'inhu l-ilment imressaq kontra l-eccepjenti – hemm hjiel sia ta' allegazzjoni ta' '*mis-selling*' u sia ta' allegazzjoni ta' qerq u ingann (u necessarjament allura vizzju tal-kunsens) – u ghalhekk l-ilmentaturi naqsu milli jfissru b'mod car u sewwa x'inhu l-bazi tal-ilment taghhom u konsegwentement l-ilment taghhom huwa null;

3. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoniiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont l-allegazzjoni ta' qerq u ingann sia in kwantu t-tehid ta' firma, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-ilmentaturi qed jallegaw qerq u/jew vizzju tal-kunsens;

6. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi u hija s-socjetà emmetrici estera li ghandha twiegeb ghat-talbiet tal-ilmentaturi;

7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mxiet fl-ahjar interess tal-klijenti taghha u s-socjetà intimata ma naqsitx mill-obbligi regolatorji taghha meta bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) bieghet il-prodott '*The Protected Asset TEP Fund No. 2-EUR*' lill-ilmentaturi kif allegat minnhom; fil-fatt, l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li hi ma kenitx qieghda tiggestixxi, in kwantu agixxiet biss bhala intermedjarju fil-bejgh tal-investiment bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur;

8. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-tieni (2) talba tal-ilmentaturi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma hux minnu li s-socjetà intimata ma adempjietx l-inkarigu u l-obbligi kontrattwali taghha; is-socjetà intimata ma agixxietx b'nuqqas ta' sengha u hila, traskuragni u negligenza grossolana kif qed jallegaw l-ilmentaturi; is-socjetà intimata ma wettqet ebda *investment misselling* u tafferma illi fil-mument li l-ilmentaturi akkwistat l-investiment in kwistjoni, dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjetà intimata minghand l-ilmentaturi stess kellu l-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tas-socjetà intimata jinbiegh lill-ilmentaturi; u inoltre s-socjetà intimata ma wettqet l-ebda

abbuz frawdolenti kif allegat mill-ilmentaturi; Illi ghalhekk din it-talba tal-ilmentaturi hija kompletament bla bazi u infondata fil-fatt u fid-dritt;

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet l-ohra tal-ilmentaturi bin-numru tlieta (3) u erbgha (4) huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhix responsabbli versu l-ilmentaturi ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-ilmentaturi, la minhabba xi komportament negligenti, la minhabba xi '*investment misselling'* u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment tal-ilmentaturi u ghalhekk is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi ikkundannata thallas l-ebda ammont ta' kumpens in linea ta' telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-ilmentaturi u t-talbiet fl-ilment tal-ilmentaturi ghandhom jigu respinti; Illi inoltre, rigward ir-raba' (4) talba fl-ilment tal-ilmentaturi, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba taghhom ghall-hlas tas-somma ta' Euro30,537.66 ma tistax tintlaqa' sakemm l-ilmentaturi ma jipprovawx id-dannu jew telf verament soffert minnhom, li anke jekk ghall-grazzja tal-argument, jirrizulta li l-ilmentaturi garrbu xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni, b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjetà intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; Illi l-ilmentaturi jridu jippruvaw li dak ilmentat minnhom kien effettivament il-kawza prossima ghat-telf minnhom allegat u l-oneru tal-prova huwa fuq l-ilmentaturi li jridu jipprovaw sodisfacjentement in-ness kawzali bejn l-ilment dwar is-servizz u d-dannu effettiv;

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet ghall-imghaxijiet f'punt hamsa (5) u sebgha (7) tal-ilment tal-ilmentaturi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; Illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas id-dhul jew tkabbir kapitali ma kienu garantiti mis-socjetà intimata, jigi sottomess illi l-ilmentaturi ghamlu l-investiment *de quo* fl-2007 jigifieri ftit snin biss qabel l-akbar krizi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn. Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentaturi ma jistghux jassumu illi kieku investew flushom f'investiment iehor il-kapital taghhom kien ser jibqa' shih u/jew li kienu ser jaghmlu xi dhul mill-investiment taghhom; Illi ghalhekk qed jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li setghu

garrbu l-ilmentaturi huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-andament tas-swieq finanzjarji u tal-krizi finanzjarja dinjija;

11. Illi b'rizultat tal-eccezzjonijiet surriferiti, s-sitt (6) talba ghall-ispejjez legali hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu sopportati mill-ilmentaturi.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet Preliminari***

L-ewwel zewg eccezzjonijiet jittrattaw in-nullità tal-ilment peress li l-provditur tas-servizz jghid li l-ilment huwa kontradittorju, konfuzjonali u l-ilmentaturi naqsu li jfissru b'mod car x'inu l-bazi tal-ilment taghhom.

L-Arbitru jqis dawn iz-zewg eccezzjonijiet bhala fiergha. Dan ghaliex m'hemm l-ebda formalità kif jitressaq ilment taht il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, anzi l-istess Att jitkellem dwar informalità tal-procedura sabiex l-ilment jigi deciz b'heffa. Mhux minnu li l-ilment huwa kontradittorju izda jsemmi diversi ragunijiet ghalfejn l-ilmentaturi jhossu li tilfu l-flus minhabba r-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz. Jelenkaw diversi ragunijiet ghal dan b'mod spjegat sew.

Il-proceduri quddiem l-Arbitru huma espressament regolati bil-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jipprovdi ghall-ebda nullità. Ghalhekk il-partijiet u l-Arbitru ma jistghux joholqu n-nullitajiet huma.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz seta' jifhem l-ilment u pprezenta risposta estensiva u dettaljata u anke nota ta' sottomissjonijiet li ma thalli l-ebda dubju li l-provditur tas-servizz ma setax kien zvantaggjat biex jaghmel id-difiza tieghu.

Ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet qed jigu michuda.

*Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni*

It-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet huma kollha dwar preskrizzjoni a bazi tal-artikoli 2153, 2156(f) u 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, l-Arbitru kellu diversi okkazjonijiet, anke f'decizjonijiet precedenti kontra l-istess provditur tas-servizz, fejn wasal ghall-konkluzjoni li l-ilment m'huwiex ibbazat fuq htija akkwiljana.

Kif gie ritenut mill-Qrati taghna l-Artiklu 2153 jittratta dwar danni akkwiljani.

Fil-kawza ***Go p.l.c. vs Charles Dimech,***[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

'*Il-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma "ex delictu vel quasi". Meta d-danni huma "ex contractu" ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn*.'

Barra minn hekk, il-kawza ***Avv Dr Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik*** **et** intqal:[2]

'*Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali."' (Stivala vs Colombo , PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)*

It-talba hija bazikament dwar danni kuntrattwali u, ghalhekk, il-preskrizzjoni a bazi ta' dan l-artikolu ma tistax tirnexxi u qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra dwar preskrizzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] PA, 28 ta' Lulju 2011
[2] PA, 7 t'Ottubru 2016

Apparti l-inkompatibilità ta' din l-eccezzjoni ma' dik ta' qabilha, l-Arbitru jtenni li l-preskrizzjoni hija mizura estrema li l-ghan taghha huwa li jitwaqqaf l-ilment u l-Arbitru ma jidholx fil-mertu tieghu.

Ghalhekk hu stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha;[3] il-preskrizzjoni trid tinghata interpretazzjoni restrittiva[4] peress li l-konsegwenzi taghha huma li jeqirdu l-azzjoni; u min jallega l-preskrizzjoni jrid jipprova z-zmien minn meta din il-preskrizzjoni kellha tibda.[5]

Dan kollu jrid jippruvah minn jallega l-preskrizzjoni. Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova biex jissostanzja dan kollu. L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz, Michael Schembri, ma jsemmi xejn dwar il-preskrizzjoni u ma jgib l-ebda prova f'dan ir-rigward.

L-uniku attentat li jaghmel il-provditur tas-servizz dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni huwa fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li fil-fatt m'hijiex prova.

Barra minn hekk, ir-risposta giet ipprezentata fit-12 ta' Settembru 2017, u sa dakinhar kienu digà fis-sehh l-emendi fil-Kodici Civili dwar il-preskrizzjoni. Skont l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, id-debitur irid MINN JEDDU jiehu l-gurament li m'ghandux jaghti, liema gurament id-debitur ma hadux u, ghalhekk, ma mexiex ma' dan ir-rekwizit tal-ligi.

Ghar-ragunijiet 'il fuq imsemmija din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 li tittratta dwar:

'*L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza'.*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' kuntratt.

**FIL-MERTU**

[3] *Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe* , PA, 30/10/2003
[4] *Alf. Mizzi & Sons (Marketing)Ltd. vs Dismar Company Ltd.,* PA, 12/10/2004
[5] *Causon vs Sheibani,* QA, 4/12/1987

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[6]

L-ilment jirrigwardja telf li l-ilmentaturi jghidu li sehh minhabba nuqqasijiet tal-provditur tas-servizz fosthom *misselling* tal-prodott ghaliex ma kienx '*suitable'* ghalihom u ghaliex l-istess prodott ma kellux jinbiegh lilhom; u fl-imgiba tieghu il-provditur tas-servizz kien negligenti, u ma qedix l-obbligi kuntrattwali tieghu, filwaqt li l-agir tieghu ma kienx ekwu, gust u ragonevoli.

Il-provditur tas-servizz jibbaza d-difiza tieghu billi jghid li l-ilmentaturi kienu jafu fiex qed jinvestu ghaliex iffirmaw id-dokumentazzjoni, fosthom, l-*Experienced Investor Declaration*, li tghid kienu '*Experienced Investors'* u li kienu nies b'esperjenza fl-investimenti li setghu jinvestu f'dan il-prodott; illi kieku ma fdewx il-prodott fiz-zmien li fdewh, ma kinux jaghmlu t-telf sostnut u l-provditur tas-servizz jghid li m'ghamel xejn hazin li jiggustifika l-ilment.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

Fl-*affidavit* taghha,[7] l-ilmentatrici tghid li li kienet ghamlet biss skola sekondarja izda ma tghallmitx wisq tant li lanqas ghall-*O Level* ma qaghdet. Hadmet bhala *salesgirl* u wara hadmet ta' skrivana ma' Kalaxlokk. Meta zzewget waqfet tahdem barra d-dar. Ir-ragel taghha ma tghallimx skola wisq u hadem xoghol manwali. Uliedhom kien ghadhom jistudjaw *full time* u jiddependu fuqhom.

Fis-sena 2005, bieghu id-dar taghhom u bhala flus kontanti dahhlu s-somma ta' Lm90,000.

Sal-2005 qatt ma kellhom l-ebda investiment u investew f'zewg investimenti fuq parir tal-*HSBC* li kienu *HSBC Fund Management Bond Fund* u l-*Malta Government Bond Fund* u b'kollox kienu investew is-somma ta' Lm20,000 .

Fl-2007, wara li kienu bieghu il-prodotti msemmija, semghu b'reklamar tal-provditur tas-servizz li kien qed joffri servizz deskritt bhala professjonali u indipendenti. Fit-12 ta' Frar 2007, marru l-*GlobalCapital,* il-Fgura, fejn kellmithom certa XX. F'xi siegha sehh dan l-investiment. Huma spjegawlha li l-kapital li kellhom gie minn okkazjoni ta' darba, jigifieri l-bejgh tal-proprjetà, u

[6] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[7] *A fol.* 56

riedu li flushom ikunu garantiti ghaliex ma tantx kellhom cans ifaddlu f'hajjithom. Ghalhekk il-kapital kellu jkun sikur.

Dwar id-dokumenti li ntalbu jiffirmaw tghid li ma kinux inqraw lilhom u ffirmaw fejn qaltilhom ir-rapprezentanta tal-provditur. A bazi tal-parir li inghatalhom biex jinvestu fit-*TEP 2*, huma tawha l-ammont ta' LM29,000. Dan kien l-uniku prodott li semmitilhom.

L-ewwel hjiel tal-inkwiet deher fis-sena 2009, meta mill-i*statement* irrizulta li l-investiment kien nizel sew. Permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 2009, huma lmentaw mal-provditur tas-servizz. Dan irrisponda billi irrifjuta kwalunkwe responsabbiltà, filwaqt li l-valur tal-investiment kompla niezel. F'Gunju 2012, il-valur tant nizel li ddecidew li jbieghu l-investiment. Nizel ghall-valur ta' €36,094. Tikkonferma li meta sar l-investiment ma kinux inghatawlhom id-dokumenti li ffirmaw u kien bis-sahha tal-*MFSA* li kisbuhom.

L-ilmentatur ikkonferma[8] dak li xehdet martu ghax kien prezenti fil-laqgha ma' XX, u kienet titkellem martu ghaliex l-amministrazzjoni tal-flus kienet f'idejha.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Ghall-provditur tas-servizz xehed biss Michael Schembri permezz tal-*affidavit* tieghu,[9] u in kontroezami.[10] Huwa qal li hu ma kienx involut f'din it-tranzazzjoni u kienet XX il-persuna involuta fil-bejgh ta' dan il-prodott. Hu ma kienx kellimha u dak li xehed, xehedu mill-*file* li sab.

Hu sostna li l-*File Note* huwa d-dokument li juri x'sehh waqt it-tranzazzjoni u gie ffirmat mill-ilmentaturi bhala konferma ta' dak li kien sehh. Jghid li l-ilmentaturi kienu midhla tal-investimenti ghaliex kellhom zewg investimenti ohra li ghamluhom fuq parir tal-*HSBC,* li ma kellhomx il-kapital garantit, u li l-ilmentaturi kienu jafu lit-*TEPs* kellu certi riskji u, peress li kienu kklassifikati '*medium to cautious'*, setghu jiehdu certu riskju.

Jghid li mill-*File Note* jirrizulta li l-ilmentaturi riedu jinvestu *f'low risk products* fis-somma ta' €66,631.66, u li kienu *experienced investors*. Jirrizultalu mill-*File Note* li kienu gew issuggeriti prodotti ohra. Gie wkoll spjegat il-prodott u l-klijenti

---

[8] *A fol.* 58
[9] *A fol.* 255 *et seq*
[10] *A fol.* 353 *et seq*

iffirmaw li kienu fehmu r-riskji involuti. Bil-firma taghhom l-ilmentaturi ikkonfermaw li kienu jafu li l-investiment jista' joghla kif ukoll jinzel, u jista' jkun li jirkupraw lura anqas mis-somma investita minnhom.

Fit-12 ta' Frar 2007, huma ffirmaw dikjarazzjoni illi huma kienu '*experienced investors'* u dan qabel ma sar l-investiment.

Illi l-ilmentaturi fdew l-investiment f'darbtejn u b'kollox dahhlu €51,010.07 u, ghalhekk, semmai tilfu biss €15,621.5, u mhux €30,537.66, kif qed jallegaw. Ir-raguni tat-telf kien li hadu l-parir ta' *Finco Treaury Management Ltd*. u kieku ma fdewx u hallew l-investiment, illum l-investiment sar jiswa €57,632.09, li jfisser li kienu jitilfu biss €8,999.57, u li anke jista' jaghti l-kaz li jaghmlu qligh minnu.

**Il-Prodotti in Kwistjoni**

***It-TEP 2***

Il-*Protected Asset TEP Fund No 2 (TEP2)* huwa fond ta' investiment kollettiv li jinvesti f'firxa ta' poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja. Skont id-dokument imsejjah *Scheme Particulars,*[11] dan l-investiment kien stabbilit fis-sena 2000 f'*Isle of Man*. Peress li kien investiment intenzjonat ghal tip partikolari ta' investituri (*Experienced Investors),* kien ezentat minn certu obbligi regolatorji li normalment huma assocjati ma' fondi ghal konsumaturi *retail*.

Skont dan id-dokument, il-*PATF 'is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through an investment in diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs")'.*

Mid-dokument esebit[12] mill-ilmentaturi, jirriżulta li dan il-prodott kien intenzjonat ghal '*experienced investors'*.

Fl-introduzzjoni ta' dan id-dokument insibu:

'*The Protected Asset TEP Fund Plc is an open-ended investment company and was incorporated as a public limited company in the Isle of Man with number 101651C on 12th December 2000 with unlimited duration under the Companies*

[11] Verzjoni *online* tal-istess dokument jinsab hawn:
http://globaldocuments.morningstar.com/documentlibrary/Document/efa1fab51df85635.msdoc/original
[12] *A fol.* 82 *et seq*

*Acts 1931 to 1993 of the Isle of Man. PATF is not and need not be an authorised person for the purposes of the Isle of Man Financial Supervision Act 1988.*

***PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through investment in a diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs").***

*Abacus Financial Services Limited will administer PATF, with custodian services being provided by a company which is a member of The Royal Bank of Scotland Group. PATF aims to have the lowest running costs of any existing TEP fund. It should be noted that three of the sub-funds of PATF, The Protected Asset TEP Fund No.2, The Protected Asset TEP Fund Dollar No.2 and The Protected Asset TEP Fund Euro No.2, are subject to certain charges to which the other sub-funds of PATF are not.*

*To ensure cost effective and efficient investment, PATF has arranged to purchase appropriate policies through T.I.S. Group Limited and Absolute Assigned Policies Limited, one of the oldest and largest market makers in TEPs.*

***PATF has been established to enable experienced investors (experienced investors:- "persons who, in relation to any experienced investor fund, are sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund") to invest in the well established traded endowment market efficiently and simply***.

Hija din id-definizzjoni li kellha tapplika biex jitqies jekk investitur kienx '*experienced investor* ' jew le, ghax wiehed irid jara lejn min kien qed jindirizza l-prodott min holqu u ghal min kien addattat skont il-kriterji tieghu.

Ghalhekk bilfors li l-Arbitru jrid jara jekk l-ilmentaturi, dejjem skont id-definizzjoni ta' *experienced investor* kif dettata minn min holoq il-prodott, kinux '***sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund'.***

***Jekk it-TEP 2 kienx addattat ghall-Ilmentaturi***

Huwa minnu li l-ilmentaturi kellhom zewg investimenti ohra qabel it-*TEPs*, izda huma xehedu, kif anke kkonfermat mill-provditur tas-servizz, li dawn kienu

inxtraw fuq parir tal-*HSBC* u, ghalhekk, l-ilmentaturi ma kinux akkwistaw dik l-esperjenza necessarja sabiex jifhmu r-riskji abbinati mat-*TEPs.*

Sabiex l-ilmentaturi setghu jinvestu fil-prodott riedu jkunu '*experienced investors'* ta veru u mhux isiru '*experienced investors*' ghaliex jinghataw dikjarazzjoni li la tinqara lilhom, la tigi spjegata lilhom u lanqas tinghata kopja taghha meta jiffirmawha. Din id-dikjarazzjoni kienet fi *standard form* u mahsuba sabiex tezonera lill-provditur tas-servizz sabiex ikun jista' jbiegh il-prodott lill-ilmentaturi u mhux ghaliex kienu '***sufficiently*** *experienced to understand the risks associated with an investment in that fund.'*

Meta l-Arbitru hares lejn il-profil tal-ilmentaturi jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet li l-ilmentaturi kellhom livell ta' skola sekondarja; ir-ragel kien jaghmel xoghol manwali u l-mara, l-ewwel kienet tahdem go fabbrika, imbaghad, saret skrivana. L-ilmentatur bilkemm kien jaf jaqra u, ghalhekk, ma kienx mistenni minnu li jaqra l-*ischeme particulars* u jifhimhom. Il-mara kienet taf taqra bl-Ingliz imma zgur ma kinetx ser tifhem Ingliz tekniku intenzjonat ghal ***experienced investors*** fil-qasam tal-investimenti.

Barra minn hekk, l-ilmentatrici xehdet, mhux kontradetta, li dan il-prodott inbiegh lilhom f'xi siegha kollox u, ghalhekk, mhux verosimili li d-dokumenti kollha li iffirmaw gew spjegati lilhom b'reqqa kif suppost u li gew spjegati r-riskji abbinati ma' dan il-prodott.

Min hareg il-prodott ghamilha cara li:

*'The Protected Asset TEP Fund plc (PATF) is an experienced investor fund …..Shares are only available to persons whom Abacus Financial services Ltd consider to be sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in PATF'.*

Ghalhekk huwa car li l-ilmentaturi ma kinux '*experienced investors'* skont l-intendiment ta' min vara l-prodott; u meta l-provditur tas-servizz bieghulhom kien qieghed imur 'il boghod minn dak li ddikjara min holoq il-prodott li, minhabba r-riskji li kellu, ried ibieghu biss lil min verament seta' jifhem ir-riskji marbuta mieghu. Dan sabiex min jinvesti jkun qed jaghmel ghazla hielsa u jkun jaf sew li qed jirriskja flusu.

L-ilmentatrci ikkonfermat fil-kontroezami[13] li:

*'Nghid li dwar dan l-investiment ma kontx naf li nista' nitlef ghax is-Sinjorina XX qaltilna li dan l-investiment kien "safer than a fixed deposit account". Jien nghid li fuq tal-HSBC ma kontx naf li stajt nitlef il-flu,s però, meta rajthom sejrin hazin hadthom……*

*Meta staqsejtha dwar dan l-invesitment qaltilna li dawn marbutin ma' insurances u qaltilna li ma kellniex inkwiet fih ghax sakemm jibqghu imutu n-nies ma kellniex problemi.'*

Ix-xhieda tal-ilmentaturi ma giet bl-ebda mod kontradetta ghaliex, ghar-ragunjiet tieghu, il-provditur tas-servizz naqas li jtella' bhala xhud l-aktar xhud importanti, jigifieri lil XX li bieghet il-prodott. L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz, Michael Schembri, ammetta hu stess li ma kienx involut fit-tranzazzjoni u xehed biss mid-dokumenti li sab fil-*file.*

L-Arbitru jinnota wkoll li d-dokumenti li l-ilmentaturi inghataw biex jiffirmaw ma inghatatilhomx kopja taghhom, u kellu jkun hemm l-intervent tal-*MFSA* biex, wara hafna zmien, inghatatilhom kopja. Li kieku verament il-provditur tas-servizz qeda dmiru sew u spjega d-dokumenti kif suppost lill-ilmentaturi, ma kienx ikollu problema li jaghtihom kopja hekk kif jiffirmawha.

Dan iqanqal dubju serju ghaliex il-provditur tas-servizz ma kienx daqshekk trasparenti u ried izomm id-dokumenti ghalih minkejja li l-ilmentaturi kellhom kull dritt ghal kopja ta' dak li kienu iffirmaw. Dan isahhah it-tezi tal-ilmentaturi li fl-ebda hin dawn id-dokumenti teknici ma gew spjegati lilhom.

Ghalhekk, il-fatt wahdu li l-ilmentaturi inghataw formola *standard form* imhejjija minn qabel b'reqqa mill-provditur tas-servizz biex jezonora lilu nnifsu imsejha *Experienced Investor Declaration*[14] ma kienx jaghmilhom '*experienced investors*' skont id-definizzjoni fl-i*Scheme*.

Meta l-Arbitru ra sew dan id-dokument seta' jinduna li dan id-dokument gie redatt fi kliem tekniku u b'tipa irqiqa li jmur kontra l-Artikolu 47 tal-Kap. 378 li jipprovdi li:

[13] *A fol.* 352
[14] *A fol.* 44

*'F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uhud minnhom li jkunu offruti minn kummercjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet ghandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom*.'

Dan l-Artikolu iddahhal f'dan l-Att permezz tal-Att XXVI tas-sena 2000, u, ghalhekk, kien digà fis-sehh meta sar dan id-dokument.

Galadarba l-provditur tas-servizz qed jaghti tant importanza lil dan id-dokument, fl-ahjar interess tal-konsumatur, kellu jsir b'tipa kbira u b'lingwagg li jinftiehem.

Meta ssir analizi ta' dan id-dokument jidher car li dan thejja sabiex jaghmel lill-ilmentaturi eligibbli li jinvestu u mhux ghaliex verament kienu '*experienced investors*'. Dan johrog car mill-bidu tad-dokument li jghid dritta u cara li kien qed isir: *'For the purpose of Investments in the Protected Asset TEP Fund (PATF)'.*

Wara hemm id-definizzjoni skont l-iskema tal-prodott.

Meta gew ittikjati l-kaxxi biex jispjegaw ghalfejn l-ilmentaturi setghu jitqiesu '*experienced investors*', fost il-kaxxi ittikjati hemm dik li tghid li kienu gew ikklassifikati hekk ghaliex kienu:

'*A person who has reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature or risk profile or property of the same kind as the property, or a substantial part of the property to which the* ***Professional Investment Fund in question relates'.***[15]

Kien l-oneru fuq il-provditur tas-servizz li jipprova b'mod sodisfacenti li l-ilmentaturi setghu jifhmu l-kumplikazzjonijiet ta' prodott li mhu semplici xejn biex tifhem id-dinamika tieghu. Dan it-tip ta' prodott hu ppjanat minn nies teknici u professjonali u mahsub ghal nies b'esperjenza li jistghu jifhmuh u jifhmu r-riskji li jgorr. Din il-prova il-provditur tas-servizz ma gabhiex.

Kien investiment li ma kienx *'low risk'* kif riedu l-ilmentaturi u l-kapital ma kienx garantit. Ghalhekk ma kienx jilhaq l-objettivi taghhom.

---

[15] *A fol*. 44, *Bold* tal-Arbitru

Skont l-*Investment Services Guidelines 2005 (SLC)* li kienu applikabbli dak iz-zmien, il-provditur tas-servizz kellu jara li:

'*3.02 The Licence Holder shall act honestly, fairly and with integrity - in the best interests of its customers and of the market.'*

Mill-assjem tal-provi, l-Arbitru hu moralment konvint li l-provditur tas-servizz ma qediex dan l-obbligu ghaliex li kieku qaghad biss fuq id-definizzjoni ta' '*experienced investor'* kif espressa fl-*Ischeme Particulars* tal-prodott, kellu mill-ewwel jinduna li dan il-prodott ma kienx idoneju ghall-ilmentaturi. Ghalhekk m'agixxiex fl-ahjar interessi tal-ilmentaturi.

L-agir tal-provditur tas-servizz li jiehu l-firma fuq l-*Experienced Investors Declaration* biex igib lill-ilmentaturi eligibbli ghall-prodott, meta fil-fatt ma kinux, la juri integrità u lanqas professjonalità. Ghalhekk din ir-Regola giet miksura.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz kellu wkoll l-obbligu li:

'*3.03 e: taking all reasonable steps to ensure that transactions are suitable for a customer, bearing in mind his objectives'*;

L-objettivi tal-ilmentaturi kienu cari: riedu prodott li jkollu l-kapital garantit, u dan il-provditur tas-servizz weghdu meta XX qaltilhom li kien '*safe'* aktar minn *bank deposit.* Haga li ma kinetx veritiera.

Il-mument ta' meta jinbiegh investiment huwa krucjali ghaliex proprju f'dak il-waqt trid issir l-analizi tal-klijent u r-riskju li jiflah igorr u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz naqas li ma gabx l-ahjar xhud biex jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif sar il-bejgh. L-Arbitru ghandu biss il-verzjoni tal-ilmentaturi u m'ghandu l-ebda raguni valida biex ma jemminhiex.

Il-mod kif gew redatti d-dokumenti, il-fatt li ma gewx spjegati, il-fatt li ma gewx spjegati r-riskji tal-investiment u ma inghatatx kopja tad-dokumenti iffirmati, kollha jikkonvincu lill-Arbitru li sar bejgh hazin tal-prodott u li mhux minnu li dan il-prodott kien *appropriate* jew *suitable* ghall-ilmentaturi kif kien jipprovdi SLC 3.03 e 'il fuq kwotat.

Lanqas ma jista' jinghad li l-imgiba tal-provditur tas-servizz kienet wahda ekwa, gusta u ragonevoli.

Dwar dak li qal il-provditur tas-servizz li sar it-telf ghaliex il-prodott gie mibjugh fi zmien hazin, l-Arbitru jinnota li meta nbiegh il-prodott dan kien nizel sew u, ghalhekk, hadd ma jlum lill-konsumatur li jkun qed jibza' li jitlef flusu kollha li jbiegh biex tal-anqas ma jitlifx kollox. Ghalhekk, dak li qal il-provditur tas-servizz li kieku l-ilmentaturi ma bieghux, it-telf kien ikun anqas, mhux sostenibbli ghax dan qed jaghmluh '*through hindsight*'. Meta l-prodott kien sejjer hazin, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, Rodian Formosa, kien evaziv u ma tax garanziji sufficjenti lill-ilmentaturi li jekk jibqghu investiti fil-prodott ma kinux ser jitilfu flushom.

Wara l-fatt kulhadd bravu.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz m'agixxiex bl-ahjar prattika professjonali u lanqas fl-interess tal-klijenti meta investielhom is-somma kbira ta' €66,631.66 fi prodott wiehed u ma ferrixx ir-riskju fuq diversi prodotti kif kellu jaghmel. Dan zied ir-riskju lill-ilmentaturi u ta' dan il-provditur ghandu jgorr ir-responsabbiltà.

Mid-dettalji li hemm fl-*Account Opening Form and Client Profile,*[16] li mtliet mill-provditur tas-servizz, m'hemm xejn li jikkonvinci lill-Arbitru li l-ilmentaturi setghu jifilhu telf massicc mill-investiment li gie offrut lilhom u, ghalhekk, ma kellhomx il-*loss absorption capacity* li messu ikkonsidra l-provditur tas-servizz qabel investielhom din is-somma.

L-investiment in kwistjoni ma kienx jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur[17] u, ghalhekk, qatt ma messu inbiegh lilhom.

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

***Kumpens***

**L-ilmentaturi investew is-somma ta' €66,631.66,[18] u mal-bejgh tal-prodott dahhlu s-somma ta' €48,459.57[19] u, ghalhekk, kellhom telf ta' €18,172.09.**

---

[16] *A fol.* 30

[17] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

[18] *A fol.* 46

[19] *A fol.*156 u 157. Dawn l-ammonti kienu l-ammonti li dahhlu l-ilmentaturi ghaliex peress li sar-*misselling* tal-prodott, m'ghandomx jehlu r-*redemption penalty* imsemmija mill-provditur tas-servizz f'Docs MS2 u MS3

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' tmintax-il elf, mija u tnejn u sebghin ewro u disa' centezmi (€18,172.09).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**